**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-13

**Data: 20 ta' Frar** 2013

**Hin:** 5.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku - assenti
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru, 1.13 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Monument taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI.

Il-monument qieghed jinhadem u ser jigi inawgurat kif diskuss fis-seduta li 01-13.

**3 Komunikat mis-Sindku u approvazzjoni ta' xogholijiet.**

3.1 Xogholijiet

3.1a Id-dawl tal-Progett tal-Housing ta' Bighi kwazi tlesta, jonqos li jitwahhlu l-arbli fil-parti ta' quddiem l-ufficcju tal-Kunsill.

3.1b Is-Sindku qal li ghadu jsir il-vandalizmu fil-latrina pubblika minkejja li l-pulizija giet infurmata b'dan. Huwa issuggerixxa li t-toilet ghall-persuni b'dizabbilta' ikun ideali li jinfetah meta jkun hemm persuna tiehu hsieb il-latrina il-hin kollu.

3.1c Ix-xoghol ta' pavimentar tal-Isqaq l-Ixprunara tlesta u ser jinbeda x-xoghol fl-Isqaq Marina Nru1.

3.1d Il-MEPA approvat l-applikazzjoni tal-UIF li ghamel il-Kunsill ghat-twahhil tal-*'street furniture'* aktar il-quddiem ghandu jigi ffirmat il-ftehim tal-finanzjament tal-progett. Bhal ma diga gie diskuss ser jehlu 6 bankijiet tal-injam fi Pjazza Sagra Familja, jitwahhlu bins tal-injam fl-istess pjazza kif ukoll fil-pjazza ta' Misrah Arcisqof Gonzi kif ukoll jitpoggew bins tal-Aluminium bl-ash trays f'diversi postijiet. Gie deciz li dawn tal-ahhar li ser jehlu mal-bus shelters jinxtraw aquamarine u l-kumplament jinxtraw suwed.

3.1e Jitkompla x-xoghol li nbeda matul is-sena, cioe, l-progett ta' Bighi li qed jigi ffinanzjat mill-Awtorita tad-Djar li gie approvat ukoll xoghol iehor fl-istess area. Jehlu l-bankijiet u l-bins finanzjati mill-Urban Improvement Fund, u jitkomplew l-Isqaqien kif approvat u finanzjati wkoll mill-istess UIF u d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 4. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsill qabel li ssir il-Laqgha Pubblika Annwali nhar il-Hadd 24 ta' Marzu 2013 fl-10.00 ta' filghodu fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali.

## 5. <u>Tigdid tal-Kuntratt tas-Sinjura Carmen De Giovanni Clerk scale 16.</u>

Gie mressaq il-kuntratt tax-xoghol tas-Sinjura DeGiovanni ghall-approvazzjoni tat-tigdid tieghu. Il-Kunsill approva li dan jigi mgedded ghal-tlett snin ohra pero skond l-avviz legali wara l-ewwel sena ta' dan il-Kuntratt, jigi kuntratt indefinit. F'kaz li s-Sinjura DeGiovanni tasal ghall-eta tal-pensjoni il-Kunsill ikun fil-pozizzjoni li jiddeciedi jekk jaccettax it-talba taghha f'kaz li din tkun tixtieq li tkompli tahdem fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali Kalkara.

## 6. <u>Varjazzjoni fil-Kuntratt tal-gbir ta' skart domestiku.</u>

Il-Kunsill ircieva talba mill-kuntrattur ghal zieda fuq ir-rata tal-fuel ghal dawn l-ahhar tlett snin. Skond l-artiklu 12 tal-kuntratt jghid, li fi qbil mal-Kunsill, il-kuntrattur jista jitlob zieda skond il-varjazzjoni tar-rata tal-fuel kif mahruga mill-Enemalta kull sitt xhur. Wara li giet diskussa din it-talba, il-Kunsill ikkonkluda dan li gej: Il-Kunsill qieghed jitlob verifika tal-post fejn il-kuntrattur qieghed jarmi l-iskart tal-lokalita taghna, imqabbla mal-ammont ta' kilometri u jekk dan jaqbilx mal-kuntratt. Il-Kunsill qabel li m'hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-fatt li dan ma pprezentax il-kontijiet qabel. Ghalhekk kif il-Kunsill ikollu dawn il-kjarifikazzjonijiet din terga tigi diskussa f'seduta ohra tal-Kunsill.

**7. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012.**

Is-Sur Adrian Chircop, l-Accountant il-gdid b'effett minn Novembru 2012, ghadda osservazzjoni lill-Kunsill li peress li kien hemm hafna xoghol ta' accounts b'lura u li lanqas inghatat hand over kif suppost mill-accountant ta' qablu, huwa m'hux se jkun jista jghalaq l-estimi finanzjarji fiz-zmien stipulat. Il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku qabel li dan huwa xoghol li ghandu jsir sew u mhux mghaggel u sfurzat, b'hekk qed tigi posposta l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012.

**8. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 2/13.

**9. Aggornament**

9.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

9.1a Ipproponiet li jsir Bin fejn il-green grocer ta' Triq Rinella. Is-Sindku qal li jekk ikunu ser jinxtraw aktar bins il-quddiem din il-proposta tigi kkunsidrata.

9.1b Kien hemm xi lmenti li qed jinzamm l-ilma fi Triq San Mikiel. Is-Sindku qal li hemm kien sar non return vulve, jista jkun li dan huwa mahmug u ghal din ir-raguni ghandu jigi mnaddaf u iccekjat ghal xi hsara.

Is-Seduta spiccat fit-7.00 ta' filghaxija.

M.Cohen<br>Sindku

S Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv